# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1221

KAZ NRU. 1474

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Emanuel Calleja

u

Imperial Hotel

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 4 t'Ottubru, 2001

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 25 ta' Settembru, 2000 b'riferenza MSP/TI/65/2000 biex jisma' u jiddeciedi fuq allegazzjoni ta' tkeccija ngusta u dan skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu l-appellant qal li hu kien gie mpjegat mal-Imperial Hotel fl-1 ta' Lulju, 1997 bhala "Houseman".

Li fit-2 t'Awissu, 2000 hu dahal ghax-xoghol u d-Direttur tal-kumpanija ghajjatlu u tterminalu l-impjieg b'effett immedjat u talbu jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol minnufih.

Qal li r-raguni moghtija lilu kienet li hu kien zamm b'mod abbuziv, flus mibghuta lilu mid-Dipartiment tas-Sigurta'

Socjali meta dawn kellu jirrifondihom lill-kumpanija li kienet avvanzathomlu bil-quddiem. Sostna li hu dejjem irritorna l-flus mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, izda mbaghad kompla, li l-kumpanija naqqsitlu l-vacation leave biex ipatti ghall-granet mhux mahduma bejn Ottubru u Dicembru 1999, u allura hu zamm xi pagamenti mibghuta lilu mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, l-Imperial Hotel, il-principal tal-appellant qalet li :

(a) Meta certifikat mediku qal li seta' jaghmel certu xoghol limitat, hu baqa' ma dahalx ghax-xoghol;
(b) Meta certifikat iehor qal li kien kompletament rikoverat, baqa' ma dahalx ghax-xoghol u ppretenda li jiehu vacation leave wara xhur ta' assenza mix-xoghol;
(c) Bhala principal tajjeb, dejjem hallas il-paga shiha waqt il-mard, bil-kundizzjoni li meta d-dipartment tas-Sigurta' Socjali jhallas parti mill-paga, l-appellant kellu jirrifondi l-ammont li jircievi - dan biex l-appellant jigi agevolat u ma jbatix b'nuqqas ta' fondi; u
(d) Ghalkemm gie mitlub diversi drabi jirrifondi l-bilanc li ma kienx irrifonda, dan m'ghamlux.

Irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali li d-Dipartiment kien hallas Lm1263.58

Irrizulta mix-xhieda tal-accountant tal-kumpanija li l-appellant kien thallas il-paga shiha matul il-mard; li l-appellant kien irrifonda Lm806.37 u ghalhekk kien baqa' dovut bilanc ta' Lm457.21.

Gew prezentati wkoll zewg certifikati ffirmati mill-Consultant Neurosurgeon tal-Isptar San Luqa, wiehed datat 13 t'Ottubru, 1999 li jghid li l-appellant seta' jibda jahdem pero' fuq light duties u iehor mill-istess konsulent datat 15 ta'

Dicembru, 1999 li jghid li seta' jaghmel ix-xoghol tieghu kollu hlief "very heavy lifting".

Irrizulta wkoll li l-General Manager ma kienx cert xi jfissru dawk ic-certifikati u allura baghat lill-appellant bil-leave biex ma jiehux riskju li l-appellant jaghmel xi duty li mhux "light" u jdahhal il-kumpanija f'xi basla.

Ghalkemm il-kumpanija sostniet li minkejja dawn ic-certifikati, hu ma dahalx ghax-xoghol, u apparti mill-leave awtorizzat mill-Manager, li wara xi zmien gie mwaqqaf, it-Tribunal ihoss li dan mhux rilevanti ghax it-terminazzjoni saret minhabba l-mizappropri jazzjoni tal-beneficcju tas-Sigurta' Socjali, u fuq materja ta' dritt ghal-leave, l-appellant kellu l-Enforcement Section tad-Dipartiment tax-Xoghol u ma kellu ebda dritt jiehu l-ligi f'idejh.

Ir-rapprezentant tad-Direttur xehed li l-appellant kien thallas b'erba' cheques u cioe' Lm910.60 fit-13 ta' Novembru, 1999, Lm125.60 fl-4 ta' Dicembru, 1999 Lm163.28 fit-12 ta' Frar, 2000 u Lm64.10 fl-1 t'April, 2000, waqt li l-Accountant tal-kumpanija kkonferma li sat-2 t'Awissu, 2000 l-appellant kien fadallu jaghti Lm457.21.

Dan ifisser li mill-ewwel cheque ta' Lm910.60 mhallas fit-13 ta' Novembru, 1999 l-appellant zamm f'idejh Lm94.33 u mbaghad zamm f'idejh Lm125.60 mhallsa fl-4 ta' Dicembru, 1999, Lm163.28 mhallsa fit-12 ta' Frar, 2000 u Lm64.10 mhallsa fl-1 t'April, 2000.

Ghalhekk qed jigi deciz li l-kumpanija, li kienet hallsitu l-paga shiha matul il-marda twila, bl-arrangament li tircievi lura l-hlas li jaghmel id-Direttur tas-Sigurta' Socjali, kellha raguni gusta tittermina l-impjieg meta l-appellant ma rrifondiex l-ammonti ta' Lm94.33, Lm125.60, Lm163.28 u Lm64.10 li kien ircieva fuq perijodu ta' erba' xhur.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Ghall-fini tat-tassazzjoni ta' drittijiet qed jigi fissat kumpens fl-ammont ta' (ghoxrin lira maltin) Lm20, b'dan li ammont ta' (ghoxrin lira maltin) Lm20 biss huwa dovut biex jinqasam bejn min assista lill-appellant.

---------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

----------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

-